IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru 39 (Disa' u Tletin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta, 13ta' Settembru, 2016, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg<br>Antonia Buttiġieġ |
| **Skużati:** | Joseph Azzopardi<br>Neil Attard |
| L-Uffiċjal<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

1.1 Is-Sur Neil Attard u s-SurJoseph Azzopardi kienu skużati mil-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Il-laqgħa bdiet fis-5.35pm.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

2.1 Korrezzjonijiet – Approvati unanimament

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

3.1 SSTP – Is-Sindku qal li l-irwejjaħ qed jerġgħu jinxtammu pero' minn naħa tal-impjant qed jgħidu li mhux minn naha tagħhom u jista' jkun mil-cleaning site ta' Ricasoli jew xi farm. Il-xogħol tal-landscaping għandu jibda minn Ottubru. Il-proposta tagħna li jsir xi tip ta' kumpens lil familji tax-Xgħajra, bħal roħs fid-dawl u l-ilma jew tnaqqis fil-kera tal-metres għada għaddejja. Skond is-Sur Charles Brincat din qed tiġi diskussa mas-Sur William Wait nistennew l-eżitu tagħha.

Is-Sindku qal li ser jibqa jara fuqha għax bħal ma ħadu postijiet oħra aħna għandna dritt ukoll.

Skond l-Inginier Stefan Cachia u s-Sur Charles Brincat, l-esperti li kienu ġew minn barra jagħmlu investigazzjoni fuq l-impjant, qalulhom li qed jaħdmu sewwa u sakemm ma jsolvux il-problema tal-farms ma jistgħux isolvu l-problema tal-irwejjaħ.

Is-Sinjura Borg qalet li l-inċeneratur huwa l-unika soluzzjoni. Is-Sindku qabel magħha u qal li barra minn Malta hekk hemm u ta eżempju b'Milan.

3.2 Sports Complex – Is-Sindku qal li l-proġett ser ikompli fi ftit żmien. Il-fondi ta' €60,000 qalulna verbalment li ser noħduhom.

Il-Perit għandu joħroġ il-pjanti ACAD u jibgħatha lil TM biex nibdew ix-xogħol fuq ir-rampa. Is-Sur Valvo qal li qiegħed kull ġimgħa jfakkru. Kellha ssir ukoll extension tal-permess. Is-Sindku qal li t-Tnejn iltqajna mas-Sur Emanuel Bezzina, Direttur fil-Public Works u tkellimna fuq il-fencing u r-railing ta' madwar il-proġett. Ilħaqna ftehim li l-parti t'isfel tal-proġett, fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja, ser issir bil-fence fi ftit żmien. B'hekk bħala Kunsill irridu nnaddfu l-iskart u l-ħaxix u siġar li hemm biex ikun jista' jsir ix-xogħol. Eventwalment kif jitwaħħal il-fence jibdew jitneħħew il-gebel.

Railing għalissa mhux possibbli pero' chaining fence jistgħu jagħmluh.

Rigward ir-railing tal-kumplament tal-proġett irridu nibgħatu proposta bil-miktub lid-Direttur Generali u l-Ministru. Bħalissa l-garaxx għandhom ħafna xogħol u ser idumu naqa biex ikunu jistgħu jagħmluh.

Is-sena l-oħra l-Kunsill kien ġab stima mingħand il-Public Works tar-railing li l-materjal ser jiswa €18,000.

Is-Sur Valvo qal ukoll li l-fondi ta' €3,500 li ser jiġu mis-Segretarjat tal-Onor Stefan Buontempo għadna m'għamilnix claim tagħhom minħabba li m'għamilniex spejjeż ta' dak l –ammont.

3.3 Is-Sindku qal li kellna laqgħa mad-Direttur u li fiha tkellimna fuq il-problema ta' finanzi li għandna. Issa rridu nitolbu feedback tagħha għaliex il-flus li jagħtuna għal pagi ma jinkludix paga ta' persuna. Għalina kieku jżiduna €24,000 oħra ma jkollniex għalfejn nittalbu.

3.4 GAL Xlokk - is-sindku kellu laqggħa u qal li ser ikun hemm 2M bejn 17 –il kunsill u ħafna minnhom huma kbar u diġa bbenefikaw minn fondi tal-Ewropa. Għad irridu noħorġu €2,500 u għalina huma ħafna. Is-Sindku qal li kull meta tmur għal dal GAL meeting għandhom decision board u coordinators. Aħna ma nistgħux noġġezzjonaw. Nistgħu nissuggerixxu . Fil-laqgħa l-Kunsilli bdew jissuġġerixxu x'nistgħu nagħmlu b' €2M li hemm a disposizzjoni għal din il-fondazzjoni. Fil-passat pjażeż u żuntiera, *recreational areas* u sqaqien bil-ħitan tas-sejjiegħħ hemm l-interessi mill-NGOs ukoll u raħħala u bdiewa. Wasalna fi stadju li ser terga ssir. Il-pass li jmiss huwa li l-Kunsill jitlob il-permess lid-Dipartiment biex ikun jista' jissieħeb f'din il- Fondazzjoni.

Proġetti li għandna bżonn huwa fuq ħitan tas-sejjiegħ, restawr tal-Fortizza, xogħol fuq iż-żuntier u l-park ta' quddiem l-isports complex.

. 3.5 Departiment tat-Tindif – Dan id-Dipartiment qiegħed jgħin lil Kunsill tax-Xgħajra billi jinġabar skart goff kull nhar ta' Tnejn minn fejn il-Kunsill, liema skart ikun inħabar minn madwar l-iskips matul il-ġimgħa. Max-xatt qiegħed imur ukoll kennies kulljum.
Madwar il-Bring-in-site ukoll qed jitnaddfu kuljum mill-iskart goff u minn skart li mhux riċiklabbli.

3.6 Xogħol ta' Knis mill-Kuntrattur – Il-Kuntrattur wiegħed li ser iżid persuna oħra tlett darbiet f'ġimgħa biex tgħin fil-knis.

Is-Sindku tkellem fuq il-Bring in site u qal li qiegħed ikollna problemi kuljum bihom. Is-Sur Valvo qal li wara l-festa ta' Ħaż-Żabbar kellna ħafna fliexken tal-ħġieġ li tħallew f'boroż u kaxxi wadwar dawn l-iskips.

Il-Kunsill ta l-filmati bid-dettalji lil Stephen Camilleri, il-Liasing Officer tal-Kunsill u ħa l-passi meħtieġa.

3.7 Ġbir ta' Skart – Is-Sindku qal li l-iskips inbidlu mil-Kuntrattur kif kien qalilna u dawn jidhru tajbin. Nittamaw li jservu għaliex ġieli l-ħaddiema tal-iscammel isabbtuhom ħafna meta jbattluhom.

Is-Sindku qal li l-camera tal-Green Pak hija tajba ħafna u qed jinqabdu ħafna. Bħalissa diġa' hemm tabella żgħira pero' s-Sinj. A Buttigieg ipproponiet li l-aħjar li ssir tabella ikbar u iktar prominenti biex tidher iktar.

3.8 Catalan – Is-Sur Valvo qal li għadna ma' ltqajniex mad-Direttur tal-Catalan minkejja li kien ġab stima tal-bankijiet u kellna ftehim fuq il-ħaxix u żżamma tal-park pero' s issa għadu ma sar xejn. Il-Kunsill ġab stima biex isiru arbli ġodda f'dan il-ġnien liema stima tlaħħaq il-€500 kull arblu.

Is-Sinjura Borg ipproponiet li fl-istess ġnien hemm lapida ta' meta sar il-ftugħ minn l-Eks Ministru Francis Zammit Dimech li għandha bżonn terga' ssir mill-gdid. Qbil unanimu. ~~tigi rrangata~~

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Ambaxxatur taż-Żgħażagħ – Il-Kunsill qabel li jinnomina persuna oħra għal din il-kariga. Liema kariga fil-preżent tinsab vakanti.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Pagamenti gew awtorizzati b' 4 voti favur u astenzjoni tas-Sinjura Doris Borg.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Parapetti max-Xatt- Is-Sur Valvo qal li bħalissa hemm l-appell pero' għadna ma smajna xejn iktar. Il-minuti tal-appell intbgħatu wkoll.

6.2 Bus Shelter – Is-Sindku qal li il-bus shelter sar tajjeb milL-ħaddiema tal-IPSL u tal-ETC. Ix-xoghol li jmiss fuqu huwa li jsirlu bank.

IX-XGHAJRA

6.3 Is-Sinjura Buttigieg qalet li hemm ħadid tat-taraġ f'Dawret ix-Xatt li qiegħed imsaddad ħafna. Għalhekk tajjeb li ngħaddu dan l-ilment lil Public Works sabiex jagħmluh bil-ħaddiema tagħhom.

6.4 Is-Sinjura Borg u s-Sinjura Buttigieg qalu li hemm bżonn ta' xi tinda ħdejn il-Knisja minħabba li jkun hemm ħafna tfal jistennew it-trasport għal-iskola. Is-Sindku qal li nippruvaw inkellmu s-sid tal-għalqa li hemm ma ġenb iz-zuntier tal-Knisja u jekk ituna l-permess naqalgħu il-bus shelter tal-ħġieġ li għandna fi Triq il-Fortizza tal- Grazzja u npoġġuh hemm.

6.5 Sqaq Ras il-Gebel – Rigward dan l-isqaq bqajna l-istess u għalhekk minn naħa tal-Kunsill sar qbil unanimu bi proponiment mis-Sa. Borg, li ssir tabella li tindika li hemm il-periklu bi proponiment mis-Sinj Borg.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Attivitajiet – Is-Sur Valvo qal li Talent Show tas-Sajf ma kienx daqshekk tajjeb. Kien hemm affarijiet l-istess u ripetuti.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Proġett Europe for citizens – Is-Sindku qal li bħalissa qed infasslu l-programm. Diġa' għandna ħafna minnu lest pero' l-aħjar norġanizzaw laqgħa apposta biex dal-proġett jiġi diskuss f'aktar dettall.

8.2 Airshow 2016 – Is-Sindku qal li l-airshow din is-sena ser isir fi Smart City nhar l-24 u l-25 ta' Settembru. L-organiżżaturi għaddejin bil-pjanijiet u b'diskussjonijiet regolari mal-Kunsill rigward it-traffiku kif ukoll fuq bejjiegħa li ser jarmaw f'din l-attivita'.

8.3 Ilmenti – Is-Segretarju qal li qieghed ikollna diversi ilmenti fuq infestazzjoni ta' grieden in-naħa ta' Triq l-ispnott u tax-Xatt. Il-Kunsill qiegħed jieħu azzjoni billi jirraporta minnufih lis-sessjoni tar-rodents u dawn qed jiġu jitfgħu il-velenu.

8.4 Is-Sinj Buttigieg qalet li għandna lmenti wkoll li fejn il-knisja l-iskart u l-boroż is-suwed qed jinħarġu wara l-ħinstipulat mil-kunsill kif ukoll qed jitħallew fejn il-monument tal-Ħelsien.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

8.5 Dawl tal-bandli – Il-flood lights għandna 2 minnhom maqtugħin u minkejja li għamilna diversi reminders lil Kuntrattur dawn għadhom ma sarux.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm

Aġġornament għal-Ġimgħa, 30ta' Settembru, 2016 fil-5.30pm

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Anthony Valvo
Sindku